# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025**

**Numru 4**

**Rikors numru 74/2022/1 AGV**

**Z1 f'isimha *proprio* u f'isem uliedha minuri Z3 u Z4**

**v.**

**Z2**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur wara deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija nhar is-6 ta' Marzu, 2025 li permezz tagħha ddikjarat is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet wara li sabet li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' servizzi, eċċessi u nġurji gravi filwaqt li sabet lill-attriċi ħatja ta' eċċessi u nġurji gravi u addossat ir-responsabbiltà terz fuq l-attriċi u żewġ terzi fuq il-konvenut; qasmet il-komunjoni tal-akkwisti u ordnat li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi b'aċċess favur il-konvenut.

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti) fl-4 ta' April, 2022, Z1 (l-Attriċi) fissret li hija żżewġet lil Z2 (il-Konvenut) fil-25 ta' Mejju, 2002 u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġ ulied li kienu għadhom it-tnejn minuri meta ġiet intavolata l-azzjoni. Fissret li l-ħajja konjugali saret impossibbli minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi, inġurji gravi u vjolenza domestika kommessi mill-konvenut u dan wassal sabiex iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment. L-attriċi ppremettiet li hija telqet mid-dar matrimonjali fix-xahar ta' Marzu, 2022 flimkien mal-iben minuri peress li l-konvenut irrendilehom ħajjithom fl-istess dar impossibbli minħabba minaċċi, sevizzi u nġurji gravi, filwaqt li l-konvenut u binthom baqgħu jirrisjedu fl-imsemmija dar. Dan wassal sabiex l-aħwa mhux qegħdin jiltaqgħu.

2. L-attriċi għalhekk talbet lill-Ewwel Qorti:

> "1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ZM u Z minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u vjolenza domestika kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.
>
> 2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.
> 3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri C u JN tigi affidata esklussivament lill-attrici.

7. Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici, lil uliedhom C u JN li ghadhom minuri manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skont il-bzonnijiet tal-istess attrici u ulied, u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' hin, lok, u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.

8. Tawtorizza lill-attrici tirriveri ghal kunjom xbubitha u cioe' M.

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni numru 877/2021 VZ, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

3. B'<u>risposta ġuramentata</u> tas-17 ta' Ġunju 2022, il-konvenut Z2 laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Illi rigward l-ewwel u t-tieni premessi hemm qbil.

2. Illi rigward t-tielet premessa jigi rilevat li l-esponenti qieghed jirrespingi minghajr ebda rizerva u ser jikkontesta bil-qawwa dak kontemplat f'din il-premessa stante li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba l-agir irresponsabbli tal-attrici, b'tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici, stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg huma mputabbli lilha esklussivament u dan minhabba agir rresponsabbli da parti taghha fosthom sevizzi, eccessi, minacci ingurji gravi u vjolenza domestika kommessi mill-attrici fil-konfront tal-esponenti, kif ukoll vjolenza fizika tal-attrici fir-rigward tat-tifla minuri C , kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza, li kkontribwixxa ghac-cirkostanzi prevalenti fiz-zwieg taghhom, u di piu' li l-attrici sahansitra abbandunat id-dar matrimonjali u fejn arbitrarjament u unilateralment hadet lit-tifel tal-Partijiet maghha, minghajr l-ebda access ghat-tifel ma' missieru u ma' ohtu C li tirrisjedi fid-dar matrimonjali mal-esponenti missier u dan ghal diversi gimghat, u dan kif se jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.

3. Illi rigward r-raba’ premessa, jigi rilevat li l-esponenti qieghed jirrespingi minghajr ebda rizerva u ser jikkontesta bil-qawwa dak kontemplat f’din il-premessa stante li l-medjazzjoni bejn il-Partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju minhabba l-intransigenza tal-attrici u n-nuqqas ta’ interess tal-attrici fil-process bonarju sabiex il-Partijiet jaslu f’separazzjoni bonarju.

4. Illi rigward il-hames premessa, l-esponenti qieghed jirrespingi minghajr ebda rizerva u ser jikkontesta bil-qawwa dak kontemplat f’din il- premessa stante li kienet l-attrici li arbitrarjament, unilateralment u minghajr raguni valida, iddecidiet li tabbanduna d-dar matrimonjali, oltre li tiehu maghha lit-tifel minuri JN, sabiex tkisser u tfarrak il-familja, li tant hija ghall-qalb l-esponenti, li hi taf ben tajjeb, illi di piu’ jinghad li bl-ebda mod m’hu minnu li l-esponenti irrendilhom hajjithom fl-istess dar impossibbili minhabba minacci, sevizzi u ingurji gravi, tant li t-tifla C kienet u qaghda qed tirrisjedi fid-dar matrimonjali mal-esponenti missier, u di piu’ kienet l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ minacci, sevizzi u ingurji gravi, tant li waslet li refghet idejha fuq it-tifla minuri C , kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza.

5. Illi rigward is-sitt premessa, filwaqt li huwa minnu li l-esponenti u t-tifla minuri qed jirrisjedu fil-fond matrimonjali, kienet l-attrici li abbandunat id-dar u ddecidiet minghajr raguni valida li taqbad u tiehu lit-tifel ta’ 9 snin maghha, u dan fil-fatt huwa r-raguni ghaliex il-minuri lanqas qedghin jiltaqghu, b’detriment ghat-tfal!

6. Illi rigward s-seba’ premessa, l-esponenti jirrespingi dan, u jirrileva li l-kura u l-kusotdja tat-tfal jehtieg li tkun affidata lilu u dan fl-ahjar interess tat-tfal minuri.

7. Illi rigward it-tmien premessa, l-esponenti jirrespingi b’mod assolut manteniment pagabbli lill-attrici, meta l-attrici tahdem u ghandha introjtu tajjeb, kif ukoll li li l-attrici ddekadiet minn dan id-dritt; u rigward manteniment ghal ulied, f’kaz li t-tfal jirrisjedu mieghu, ghandha tkun l-attrici li tivversa l-manteniment lill-missier ghat-tfal minuri.

8. Illi rigward id-disa’ premessa hemm qbil.

9. Illi rigward l-ghaxar premessa, ma hemmx oggezzjoni.

10.Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, l-esponenti filwaqt li jaqbel li tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, joggezzjona ghall-ewwel talba attrici u jishaq li s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghandha tigi ddikjarata b’tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg huma mputabbli lilha esklussivament u dan minhabba agir rresponsabbli da parti taghha fosthom sevizzi, eccessi, minacci ingurji gravi u vjolenza domestika kommessi mill-attrici fil-konfront tal-esponenti, kif ukoll vjolenza fizika tal-attrici omm fir-rigward tat-tifla minuri C, li kkontribwixxa ghac-cirkostanzi prevalenti fiz-

zwieg taghhom, u di piu', li l-attrici sahansitra abbandunat id-dar matrimonjali u fejn arbitrarjament u unilateralment hadet lit-tifel tal-Partijiet maghha, minghajr raguni valida, kif ukoll minghajr l-ebda access ghat-tifel mhux biss ma' missieru izda ukoll ma' ohtu C li tirrisjedi fid-dar matrimonjali mal-esponenti missier, u dan ghal diversi gimghat, kif se jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.

11.Illi l-esponenti joggezzjona b'mod assolut ghat-tieni talba attrici, u li se mai, din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-istess Artikoli fil-konfront tal-attrici biss u dan stante l-agir irresponsabbli tal-attrici fil-konfront tal-esponenti u dunque ghandha tkun l-attrici li titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-esponenti u dan mid-data illi tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-attrici tkun responsabbli ghas-separazzjoni.

12.Illi l-esponenti jaqbel mat-tielet talba attrici u cioe' li din l-Onorabbli Qorti xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, kif ukoll li din l-Onorabbli Qorti tassenja lill-esponenti l-affarijiet parafernali tieghu, nkluz dotali u jew spejjez li saru qabel iz-zwieg inkluz xoghol li l-esponenti ghamel fid-dar matrimonjali qabel iz-zwieg.

13.Illi l-esponenti jaqbel mar-raba' talba li din l-Onorabbli Qorti tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali, inkluz id-dar matrimonjali; illi din l-Onorabbli Qorti tordna ukoll li l-attrici tivvakka minn kwalsiasi propjeta' appartenenti mal-komunjoni, jekk ikun il-kaz, sabiex l-komunjoni tal-assi jigi diviz.

14.Illi l-esponenti jaqbel mal-hames talba li din l-Onorabbli Qorti tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv; kif ukoll kuratur fl-eventwali kontumacja tal-attrici.

15.Illi l-esponenti joggezzjona mas-sitt talba, stante li l-kura u l-kustodja tal-minuri C u JN ghandhom jigu fdati esklussivament lill-esponenti u li r-residenza tat-tfal tkun mal-Missier, u dan fl-ahjar interess tal-minuri; illi minghajr pregudizzju ghal dan, dejjem skont dik li tipprovdi din l-Onorabbli Qorti a tenut kont tal-esperti kif ukoll ix-xewqat tat-tfal, ghandu jkun hemm access ukoll tat-tfal mal-genitur li mieghu jew maghha ma jkunux qed jirrisjedu t-tfal.

16.Illi l-esponenti joggezzjoni ghas-seba' talba attrici u cioe', fl-ewwel lok l-esponenti joggezzjoni bil-qawwa kollha u ma jaqbilx mat-talba attrici sabiex l-esponenti jivversa manteniment lill-attrici, stante li m'ghandhux ikollu obbligu li jivversa manteniment lill-attrici li mhux biss ghandha l-kapacita' li tkun finanzjarjament indipendenti, izda l-attrici ghandha mpjieg fiss b'introjtu tajjeb hafna u li l-esponenti qatt ma nghata sodisfazzjon minnha x'isir mil-flus u jew fejn tiddepozithom; illi di piu' kwalsiasi talba ghal-manteniment pagabbli mill-esponenti lill-attrici ghandha ukoll tigi michuda stante li l-attrici ddekadiet mid-dritt

taghha li titlob manteniment minghand l-esponenti rizultanti tal-agir taghha u li abbandunat id-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida; fit-tieni lok rigward manteniment pagabbli ghat-tfal minuri, ghandha tkun l-attrici li tivversa manteniment adegwat lill-esponenti ghal uliedhom C U JN , li din l-Onorabbli Qorti toghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet tal-ulied bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi stabbilita, inkluz rigward l-gholi tal-hajja, kif ukoll, ghat-tnaqqis dirett minn kwalsiasi introjtu tal-attrici; kif ukoll li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-attrici thallas nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri; kif ukoll li din l-Onorabbli Qorti tordna li l-esponenti jippercipixxi c-children's allowance.

17.Illi l-esponenti ma joggezzjonax ghat-tmien talba.

18.Illi l-esponenti jaqbel mad-disa' talba, u jirrileva li din l-Onorabbli Qorti tawtorizza ukoll lill-esponenti illi jirregistra s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku.

19.Illi l-esponenti jopponi ghal-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici illi hi minn issa ngunta in subizzjoni."

4. B'rikors tas-6 ta' Mejju, 2022 l-attriċi talbet lill-Ewwel Qorti "tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta". Il-konvenut wieġeb fil-15 ta' Ġunju, 2022 li ma kienx qed joġġezzjona għal dik it-talba. B'sentenza parzjali tad-29 ta' Settembru, 2022 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

5. B'sentenza finali mogħtija fis-6 ta' Marzu, 2025 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi, filwaqt terz tat-tort huwa tal-attrici li rrendiet ruhha hatja ta' eccessi u ngurji gravi.

2. Tichad it-tieni talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet, raba' u hames talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-akkwisti" u tinnomina lill-perit Elaine Genovese, kif ukoll lin-Nutar Elena Farrugia ghall-eventwali pubblikazzjoni tal-att relattiv, u kuraturi deputati biex jirrapresentaw l-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

4. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna l-kura u kustodja tal-minuri JN tigi fdata esklussivament lill-attrici skond kif gie deciz fl-intestatura "Kura u Kustodja", flimkien mad-decizjoni fuq l-access.

5. Tilqa' s-seba' talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas il-manteniment ghall-minuri JN skond kif gie deciz fl-intestatura "Manteniment."

6. Tilqa' t-tmien talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' M.

7. Tilqa' d-disa' talba attrici u tawtorizzaha lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, kwantu ghal terz minnhom ghandhom jigu sopportati mill-attrici, filwaqt li zewg terzi ghandhom jigu sopportati mill-konvenut."

6. Ir-raġunijiet rilevanti għal dan l-appell li wasslu lill-Ewwel Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha huma kif ġej:

"**<u>Responsabbiltà</u>**

L-attrici fethet dina l-kawza fejn talbet li tigi awtorizzata tissepara minn mal-konvenut u taddebitalu l-minacci, sevizzi u ingurji gravi u vjolenza domestika u minhabba f'hekk il-hajja matrimonjali tfarrket irrimedjabilment.

[...]

L-attrici tikkontendi li l-konvenut minn dejjem kellu diffikolta' sabiex jaccetta x-xoghol taghha bhala mobile hairdresser. Fil-bidu l-attrici kienet tahdem go fabbrika u part-time kienet taghmel xoghol ta' hairdressing u mill-provi mressqa jirrizulta li kien effettivament il-konvenut li kien inkorragixxa lill-attrici sabiex tibda tahdem ta' hairdresser full-time.

Dak iz-zmien tal-gherusija kienet tahdem sabiex ilestu l-post u fil-fatt tammetti hi stess li hallset hafna mill-finishes u dan mhux kontradett

mill-konvenut. S'intendi l-attrici sadanittant bniet klijentela tajba u ndubbjament ix-xoghol ta' hairdresser huwa wiehed impjenattiv u dan iktar u iktar meta tkun wahda mobile, tigri minn post ghal iehor.

Il-konvenut da parti tieghu jirribatti l-verzjoni tal-attrici, fejn jinsisti li l-ilmenti tieghu ma kinux jirrigwardaw x-xoghol tieghu, izda l-irresponsabbilita' tal-attrici ghaliex ma kinitx qed issib bilanc bejn ix-xoghol u l-familja.

Hemm verzjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet rigward il-granet u hinijiet tax-xoghol tal-attrici ghaliex l-attrici stess tghid li matul il-gimgha ma kinitx tahdem hinijiet twal minhabba li kellha l-impenji tat-tfal. Is-Sibtijiet kienu jirrapprezentaw problema peress hija l-gurnata fejn l-iktar li jkollha xoghol bhala hairdresser u ma setghetx taghmel mod iehor. Jekk kienet tahdem il-Hdud kien minhabba xi tieg u hafna drabi kienet tohrog mid-dar kmieni u tirritorna sad-9 am meta kienu jkunu kollha reqdin u dan kien jigri rarament.

Il-konvenut isemmi ukoll li kien hemm okkazzjonjiet fejn l-attrici anke dahlet lura mix-xoghol fid-9 pm, izda l-attrici tammetti li dina kienet okkazzjoni wahda u dan kien minhabba li kien habbatha l-kulur.

L-attrici tghid ukoll li setghet tahdem b'mod flessibbli peress li l-konvenut ghamel zmien fejn kien jahdem bix-xiftijiet u ghalhekk seta' jaghti daqqa t'id. Kienet ukoll issib ghajnuna minghand il-genituri taghha, specialment is-Sibtijiet fejn wara li t-tfal kienu jlestu l-attivitajiet extra-kurrikulari, il-konvenut kien imur bit-tfal ghand il-kunjata li kienet titmaghhom u tahsilhom biex imorru d-dar lesti. Jekk kemm il-darba, l-attrici kienet tmur tarahom bejn klient u iehor, il-konvenut kien ikun lest li jibda ighajjarha u li ma kellhiex ghalfejn tmur biex tisfratta lit-tfal u kien ikollu geddum sal-art.

Din l-attitudni kompliet regolarment fejn il-konvenut kien jaghmel perjodi shah ma jkellimhiex. Kien anke jippika mal-attrici li kienet titolbu jmur jaghmel ix-xirja sabiex malli tirritorna lura d-dar kienet issib l-ikel lest sabiex issajjar, izda minn dan l-aspett qatt ma sabet kooperazzjoni da parti tal-konvenut.

L-attrici tammetti li l-genituri taghha ukoll kienu jitolbuha sabiex tnaqqas mix-xoghol u dan minhabba li l-konvenut kien jilmenta maghhom in kontinwazzjoni. Anke jekk dina l-Qorti tmur lura fiz-zmien, meta l-attrici regghet harget tahdem wara tlett xhur mit-twelid ta' C, kien insulentaha li ma kellhiex ghalfejn tohrog tahdem daqshekk kmieni, meta kienu hekk qablu u di piu' kienet qalbha maqsuma li ser titlaq it-tarbija, izda l-uniku wens kien li kienet ser tkun ma' missierha u mhux ma' terzi.
Il-konvenut ukoll pprezenta verzjoni kontrastanti fir-rigward tal-fatt li l-attrici ma tantx kienet tiddedika hin ghat-tfal u li kellu jirrinunzja ghal diversi opportuntijiet ta' promozzjoni fix-xoghol tieghu, Ghandu jigi rilevat illi waqt li kienu gharajjes il-konvenut kien imur jilghab l-isquash u kien idum ma' shabu u l-attrici kienet tokroblu sabiex imur jaraha. Fiz-

zwieg kien hemm zmien fejn inghata promozzjoni u ma baqax jahdem bix-xift u ghalhekk l-attrici kellha ssib il-hin biex tiehu lit-tfal ghall-attivitajiet taghhom u kellha ukoll xi ghajnuna ta' ommha. Jekk kemm il-darba kellha tigbor it-tfal u tkun ittardjat kienet issib il-konvenut jistenna bin-nervi peress li kien irid imur jigri. Hemm provi ukoll li jindikaw li l-konvenut kien isiefer ta' spiss fuq xoghol u l-attrici qatt ma waqfitu u ghalhekk flessibilita' certament kien hemm.

Gie ukoll ikkonfermat mill-partijiet entrambi li l-attrici generalment kien ikollha tikkancella l-gurnata xoghol jekk kemm il-darba t-tfal ma kinux jifilhu. Anke rigward il-homework kienet l-attrici li kienet toqghod maghhom u gieli l-konvenut kien ighin f'xi progett li kien ikollhom, izda dan ma tantx kien ikollhom ta' spiss.

L-attrici tattribwixxi t-tifrik taz-zwieg minhabba l-insulti u t-tghajjir kontinwu li kienet taqla' kontinwament mill-konvenut u kien imaqqdarha quddiem it-tfal u kien ikun sarkastiku maghha jekk per ezempju t-tfal kienu jitolbuha jaraw film flimkien wara li kienet tasal lura mix-xoghol, kien jirrispondi li probabilment il-film setghu jarawh f'nofsilejl.

L-inkwiet donnu zdied meta l-attrici bdiet tattendi fitness classes u kienet tiehu lit-tifla C maghha. Il-konvenut donnu jrid jikkonvinci lil dina l-Qorti li l-attrici nbidlet u bdiet tilbes differenti u kienet ukoll qed taghti kunfidenzi zejda lit-trainer taghha. L-attrici tirribatti dawn l-allegazzjonjiet u tishaq li dejjem hadet lit-tifla maghha u ghalhekk ma kellhix x'tahbi. Kienet bniet hbiberija mat-trainer u dan peress li riedha tassistih f'xogholu, pero' minhabba li kienet impenjata bizzejjed kienet tibghatlu l-klijenti u di piu' tammetti li ghadha habiba ta' dan it- trainer sallum u ma kien hemm xejn hazin sabiex tipprova tbiddel il-fiziku taghha.

Ghall-konvenut iz-zwieg kien kompla ha daqqa ta' hartha meta l-attrici allontanat ruhha mill-kamra tas-sodda taghhom u bdiet torqod mal-minuri JN. L-attrici tinnega li ghamlet dan u l-partijiet jaqblu li l-minuri kien iqum frekwentement u l-attrici kien ikollha torqod hdejh, izda tinsisti li malli l-minuri kien jorqod kienet terga' tmur lura fis-sodda.

L-insulti, tghajjir, granet fejn il-konvenut ma riedx ikellem lill-attrici bhal donnu jrid jikkastigaha peress li tkun hadmet hinijiet twal ghajjew lill-attrici u din l-infelicita' kompliet tizdied meta l-konvenut beda jghawwi lit-tifla C kontriha u konsegwentement beda t-tghajjir u l-insulti mill-istess tifla. Kien hemm addiritura incident fejn wara l-minuri C bdiet tinsulentaha, l-attrici kienet fajjritilha daqqa u qassmiltiha xufftejha. Kienet anke rrappurtat lit-tifla C u l-konvenut mad-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika.
L-attrici tikkontendi li ma setghetx tghix f'hajja fejn il-konvenut bhala missier kien jaccetta li t-tifla tghajjarha "annimal" u anke "zibel." Il-konvenut kien ukoll qed jaghmel hafna pressjoni fuq it-tfal fejn baqa' jinsisti mat-tifel JN li ghandu jkompli jdoqq il-cello meta t-tifel ma kienx interessat izjed, filwaqt li kien jaghmel hafna pressjoni fuq it-tifla fejn

jirrigwarda t-tennis li l-attrici tammetti li kienet giet ikkuntatjatha sabiex jiehdu hsieb it-tifla peress li kienet stressjata wisq ghall-isports li suppost tmur sabiex tiehu gost.

Omm l-attrici tikkorrobora l-verzjoni attrici in kwantu tammetti li kienet tghid lill-attrici sabiex tnaqqas mix-xoghol u dan kien minhabba li l-konvenut kien jilmenta l-hin kollu. Anke wara li l-attrici kellha incident u baqghet taht xokk spjegat li ma kellhiex ghazla u gibdet l-attenzjoni tal-konvenut biex ibiddel l-attitudni tieghu u minflok qalilha biex ma tindahalx. Wara dan l-episodju l-attrici kellha taghmel zmien tiehu l-kalmanti.

Huwa dispjacir kbir ghal dina l-Qorti tinnota kif wara li l-attrici bdiet turi x-xewqa li tissepara, ir-relazzjoni mhux biss bejn l-attrici u l-konvenut iddeterjorat, izda anke bejn l-attrici u bintha kif ukoll bejn l-ahwa. L-attrici minghajr esitazzjoni ta' xejn tammetti li kienet waqfet tiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tifla minhabba t-tghajjir u insulti li kienet giet assoggettata ghalihom minghajr mal-konvenut kien jikkorreggiha. Tammetti ukoll li kienet anke tapprova li JN isawwat lill-ohtu peress li kienet wisq aggressiva u kellha ilsien hazin u kien ihoss hafna bil-mod u kliem dispreggjattiv li kienet tuza fil-konfront taghha.

Il-Qorti hija skuntenta ghall-ahhar meta tara dan il-komportament u degenerazzjoni tar-relazzjonjiet bejn familja, partikolarment meta t-tilwim, il-piki, il-vendikazzjonijiet u t-tghawwir iwasslu ghal relazzjonijiet difficli bejn l-ahwa. Tikkundanna dan l-agir bl-ikbar mod, u minkejja li tapprezza li kull genitur jaghmel hiltu sabiex irabbi lil uliedu fl-ahjar mod, jibqa' l-fatt ukoll li anke jekk hija priorita' li genitur jahdem dejjem ghandu jsib bilanc bejn il-familja u x-xoghol.

Anke jekk l-attrici ghamlet hilitha sabiex tahdem u tistinka ppruvat biex tkun hemm ghall-familja, izda x-xoghol taghha mhux dejjem ippermettielha. Il-Qorti stess ghajjiet taqra' u tifhem kif il-partijiet kienu jahdmu hinijiet twal u jippruvaw jlahhqu ukoll mad-diversi attivitajiet extra-kurrikulari li kellhom it-tfal li ghamlu hajjithom wisq impenjattiva. Kien ikun iktar facli li kieku illimitaw dawn l-attivitajiet ghal wiehed kull wiehed.

L-atteggjament tal-konvenut zgur ma ghenx ghaliex minflok wera sapport lejn martu li minflok qaghdet id-dar, hadmet u stinkat biex tipprovdi ghall-familja, ghajjarha u irnexxielu jdawwar lit-tifla li l-attrici ma kinitx omm iddedikata u li tat priorita' ghax-xoghol. L-attrici da parti taghha, setghet forsi taghmel iktar l-almu taghha sabiex issib bilanc ahjar billi tiehu xi granet off u f'granet tahdem inqas, li sa certu punt kienet taghmel meta t-tfal kellhom xi attivitajiet u kienet tahdem sas-1pm.

Huwa fl-ahhar li l-attrici sgarrat fir-relazzjoni taghha mat-tifla meta primarjament telqet mat-tifel biss u stqarret li hu biss kien jifforma parti mill-familja taghha u anke meta rrapportatha flimkien mal-konvenut

mad-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika, izda sa certu punt dina l-Qorti, ghalkemm tikkundanna dan il-komportament, imma tifhem li bhala omm li tigi assoggettata ghal dan id-dizrispett minn bintha tirrapprezenta weggha kbira u dik l-istes weggha twassal ghall-komportament irragjonevoli tal-attrici fejn bhala omm imwegga' ma tibqax tirraguna izjed.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti thoss li l-attrici ghandha terz mit-tort minhabba eccessi, filwaqt li l-konvenut irrenda ruhu hati, ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

__Kura u Kustodja__

[...]

Stante li fil-mori tal-proceduri, it-tifla C ser tkun saret maggorenni, dina l-Qorti mhix ser tippronunzja ruhha fuq il-kura u kustodja taghha.

Rigward it-tifel JN prezentement ighix mal-attrici u kien hemm perjodu wara li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali mieghu li l-konvenut kien dam xi sitt gimghat fejn ma rahx, minkejja li kien jmur jarah fl-attivitajiet extra-kurrikulari li kien jattendi, ghalkemm it-tifel bil-kemm kien ikellmu ghax evidentement kien jibza mill-attrici.

B'digriet datat 29 ta' Settembru, 2022, dina l-Qorti kienet ordnat l-access ghall-minuri b'access liberu u ghal certu perjodu dan kien qed jahdem, izda recentement, l-attrici bdiet tinsisti li t-tifel huwa taghha u taghmel li trid bih u konsegwentement il-konvenut kien qed jikkomunika direttament mal-minuri, li gieli ma kienx jirrispondi ghall-messaggi tieghu jew kien jirrispondih u jghidlu li ma jridx imur ghandu.

Skond dak li gie redatt minn Bradley Desira, in rapprezentanza tad-Dipartiment ghall-Harsien tat-Tfal, fir-rapport tieghu datat 7 ta' Novembru, 2021, il-minuri Z3 kien jippreferi li ma jkollux granet fissi u jkollu liberta' li jmur ghand missieru meta jrid u rrakkomanda li l-access ghandu jkun wiehed liberu u hekk beda jsir ghal certu perjodu.

Illum il-konvenut jilmenta li rega' mhux qed jara lill-ibnu u jissottometti li minhabba l-*parental alienation* da parti tal-attrici ser jispicca ma jarax lill-ibnu izjed.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-minuri ghandu certi impenji extra-kurrikulari apparti l-iskola u Muzew, izda ma gewx indikati l-granet, pero' l-attrici tinsisti li huwa tifel impenjat u ghandu jkun fil-liberta' biex jaghzel meta ghandu jmur ghand missieru u ma kellha l-ebda intenzjoni li ccahhdu.

Il-konvenut xehed ukoll li kien isib intoppi ukoll ghaliex l-attrici kienet taghmel pjanijiet wahedha minghajr ma tikkonsultah bir-rizultat li kienet tirrovinalu l-access u ma tissostitiwix il-granet.

Jirrizulta ukoll li peress li r-relazzjoni bejn l-ahwa mhix wahda idejali u C thossha mwegga' ghaliex l-attrici telqet ma' huha u hallietha d-dar, JN ihossu offiz bil-mod kif ohtu tghid kontra l-attrici u meta tistigah jispicca jsawwatha, haga li l-istess attrici kienet tinkoragixxi minhabba l-ilsien twil tat-tifla kif stqarret fix-xhieda taghha u konsegwentement huwa koncepibbli li l-minuri JN mhux daqshekk herqan li jmur ghand missieru.

Ciononostante, il-konvenut jibqa' missieru u huwa dispjacir kbir ghal dina l-Qorti li tara dana d-dizgwid fil-familja li ghandha tkun il-bastun ta' sapport ghal dawn it-tfal. Tifhem ukoll li t-tifel minuri ghandu certi impenji u iktar ma jikber ser jizdiedu, izda jekk kellha thalli l-access liberu kif gie irrakomandat minn Bradley Desira, wisq tibza li din l-istess liberta' ser tigi abbuzata u t-tifel Z3 mhux ser jiehu l-izbriga sabiex imur jara lil missieru.

Tenut kont tac-cirkostanzi, ghalkemm il-partijiet mhux qed joggezzjonaw li l-kura u kustodja tkun konguntiva, huwa fatt li m'hemm l-ebda komunikazzjoni tajba bejn il-genituri u l-istess gurisprudenza tghallimna li mhux ghaqli li jkun hemm kura u kustodja konguntiva ghax issir battalja kontinwa bejn il-genituri minhabba piki ta' bejniethom, meta dak li jinteressa dina l-Qorti huwa li ddecizjonjiet jittiehdu fl-ahjar interess tal-minuri u jekk il-kura u kustodja tkun wahda konguntiva dan mhux ser isehh.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti takkorda l-kura u kustodja tal-minuri JN esklussivament lill-attrici, b'dana pero' li l-attrici ghandha tinforma lill-konvenut bi kwalsiasi decizjoni li tirrigwarda l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, kif ukoll dwar l-andament edukattiv tal-istess minuri.

L-access bejn il-minuri JN u l-konvenut ghandu jigi ezercitat tal-anqas darba fil-gimgha ghal saghtejn u darba fil-weekend ghal erba' sieghat bl-ghazla li jkun hemm *sleepover* jew le, fejn fil-kaz il-minuri ghandu jmur lura ghand ommu fl-10 am.

[...]

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet giet xolta permezz ta' sentenza in parte moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' settembru, 2022.

**<u>Id-Dar Matrimonjali</u>**

Fiz-zwieg il-partijiet kienu xtraw id-dar matrimonjali u cioe' l-appartament numru -omissis- (illum maghruf bhala -omissis-) fl-atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius datata 15 ta' April, 1998. Skond stima mahruga mill-Perit Mark Borg f'Z3ar, 2022 il-fond kellu value ta' €350,000.

Peress li fil-mori tal-proceduri ma saritx valutazzjoni tal-istess fond, dina l-Qorti ser tahtar Perit tekniku sabiex issir dina l-valutazzjoni, sabiex il-fond jitpogga fuq is-suq miftuh sabiex jinbiegh bil-prezz miftiehem u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-partijiet.

**Kontijiet bankarji**

Mir-rizultanzi processwali gie stabbilit li kien hemm diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet rispettivament, kif ukoll konguntivament. Gie stabbilit ukoll mill-partijiet li qabel ma bdew bil-proceduri ta' separazzjoni kienu qassmu l-flejjes li kien hemm fil-kontijiet bankarji li kellhom, ghajr ghal dawk fixed li ma setghux jaqsmuhom.

Il-kontijiet li kien hemm f'isem l-attrici huma s-segwenti:-

[...]

Il-kontijiet li rrizultaw f'isem il-konvneut huma s-segwenti:-

[...]

Il-kontijiet kongunti jirrizulta li kienu s-segwenti:-

[...]

Il-konvenut irrileva ukoll li kien infetah kont f'isem l-attrici mal-HSBC pero' ghan-nom tat-tifla C li jgib in-numru -omissis- u dan ghandu jigi assenjat lit-tifla peress li llum hija maggorenni u l-Qorti tilqa' dina t-talba.

Il-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut ukoll li l-polza ta' assikurazzjoni li hemm f'isem C liema polza ggib in-nmumru ta' referenza -omissis-, wara li timmatura ghandha tigi assenjata lil istess tifla.

**Vetturi**

Il-partijiet ghandhom vettura kull wiehed. L-attrici ghandha rregistrata f'isimha vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru ta' registrazzjoni -omissis-, filwaqt li l-konvenut ghandu vettura rregistrata f'ismu tal-ghamla Kia Ceed bin-numru ta' registrazzjoni -omissis-.

Kull parti ghandha zzomm il-vettura li presentement tinstab fil-pussess taghha, b'dana pero' li kull parti ghandha tkun responsabbli ghall-hlas ta' kwalsiasi dejn, inkluz multi u kontravenzjonijiet u arretrati ta' licenzji u poloz ta' assikurazzjoni li talvolta jista' jkun hemm fir-rigward tal-vettura li se tigi assenjata lilha.

In konkluzjoni, il-Qorti terga' tishaq fuq l-importanza li l-ulied jkollhom relazzjoni tajba bejniethom. Huwa ta' ghajb kbir li l-genituri ma jistghu jiftiehmu fuq xejn. Almenu ghandhom jaghmlu l-isforzi kollha biex l-ulied ma jigux affettwati hazin, u jkollhom relazzjoni dejjiema. Hadd

> m'ghandu jinsa' li l-ulied ukoll ser jikbru, ser jkollhom il-familji rispettivi taghhom, u ser jkollhom bzonn ta' xulxin – bhal kull familja. Il-partijiet ghalhekk ghandhom jwarrbu d-differenzi ta' bejniethom u jiehdu hsieb li t-tfal jfittxu lil xulxin, ghas-serhan tal-mohh tal-gejjieni taghhom."

7. Il-konvenut (minn issa wkoll l-appellant) ħassu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u appella b'rikors intavolat fit-3 ta' April, 2025 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti "*tilqa' dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija u tghaddi biex tilqa l-aggravji tieghu u konsegwentement tichad dawk it-talbiet ta' l-attrici li huma inkompatibbli mal-aggravji li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ser joghgobha takkolji. Bl-ispejjez kollha inkluż tal-ewwel istanza, kontra l-appellata.*"

8. L-attriċi (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellata) ressqet ir-risposta tagħha fis-7 ta' Mejju, 2025 fejn, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet li l-appell interpost mill-konvenut jiġi miċħud.

9. B'rikors tal-24 ta' Ġunju, 2025 il-konvenut appellant, għal raġunijiet hemm miġjuba, talab lil din il-Qorti tordna lill-attriċi appellata sabiex issegwi d-digriet tal-aċċess tal-missier versu l-minuri tad-29 ta' Settembru, 2022 kif ukoll sabiex jingħata ġranet addizzjonali ta' aċċess sabiex ipattu għat-telf ta' ġranet kemm ilu ma jara lil minuri.

10. L-attriċi appellata rrispondiet għal dan l-aħħar rikors b'risposta tat-3 ta' Lulju, 2025 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm miġjuba, qed topponi għal dan ir-rikors.

11. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**L-Appell**

12. Qabel ma l-appellant jelenka l-aggravji tiegħu, jgħid li d-*decide* tas-sentenza appellata hija monka għaliex ma saret l-ebda referenza għall-eċċezzjonijiet mressqa minnu bħala konvenut. Jilmenta li lanqas ma ġew dikjarati miċħuda u jżid jgħid li filwaqt li t-talbiet attriċi ġew imsemmija, fejn ġew milqugħa u fejn ġew miċħuda, donnu li "l-eċċezzjonijiet kienu ineżistenti daqs li kieku l-appellant, qua konvenut kien kontumaċi".

**Ikkunsidrat;**

13. Huwa minnu li l-parti operattiva ta' sentenza għandha tinkludi talbiet jew eċċezzjonijiet li jkunu ġew deċiżi u kull dikjarazzjoni maħsuba li tkun konklussiva jew vinkolanti **(Artikolu 23 tal-Kapitolu 12**). Iżda minn qari tal-parti operattiva tas-sentenza appellata huwa ferm evidenti li l-Ewwel Qorti ħadet qies tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut kif ukoll spjegat il-pożizzjoni tal-konvenut ma' kull premessa tal-attriċi. Il-fatt waħdu li fil-parti dispożitiva ma hemmx referenza speċifika għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma jistax jitqies li hemm xi nuqqas gravi li

jwassal li s-sentenza tiġi annullata. Aktar u aktar meta ma ġiex muri li l-konvenut appellant sofra xi preġudizzju b'dak li l-appellant iqisu bħala nuqqas.

14. Il-Qorti ser tagħti ftit eżempji li juru li l-ilment tal-appellant li l-Ewwel Qorti injorat l-eċċezzjonijiet tiegħu mhux fondat. Kontra l-ewwel talba attriċi il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni li filwaqt li jaqbel li għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, jgħid li din għandha tiġi dikjarata tort esklussiv tal-attriċi. L-Ewwel Qorti sabet illi t-tort kien terz fuq l-attriċi u żewġ terzi fuq il-konvenut. M'għandux raġun l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti njorat l-eċċezzjoni tiegħu. Dwar it-tieni talba attriċi l-konvenut oġġezzjoni "b'mod assolut". Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tieni talba attriċi u għalhekk ukoll l-appellant m'għandux raġun jgħid li l-eċċezzjonijiet tiegħu ġew injorati. L-istess jista' jingħad dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra.

15. Bl-akkoljiment jew ċaħda tat-talbiet attriċi kienu qed jiġu kontestwalment deċiżi l-eċċezzjonijiet marbuta ma' kull talba rispettiva (ara **Mary Anne Caruana v. Victor Caruana** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' Marzu, 2021).

16. Issib għalhekk dan l-ilment inġustifikat u qed tiċħdu.

**L-Ewwel aggravju – responsabbiltà tat-tifrik taż-żwieġ**

17. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-konvenut appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti qasmet ir-responsabbiltà għat-tkissir taż-żwieġ billi addossat terz tat-tort fuq l-attriċi u l-kumplament fuq il-konvenut u dan "mingħajr ebda referenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut". Jgħid li mill-provi mressqa ħareġ ċar min verament ippreċipita ċ-ċirkostanzi prevalenti li wasslu għat-tkissir taż-żwieġ. Jinsisti li l-attriċi ma għamlet xejn sabiex ir-relazzjoni ta' bejn il-konjuġi u r-relazzjoni mal-ulied tmur għall-aħjar. Jinsisti li l-attriċi kienet għażlet l-ewwel ix-xogħol tagħha ta' *mobile hairdresser* u l-introjtu li kienet qiegħdha ddaħħal minnu fuq il-familja u fuq iż-żwieġ. Jgħid li ż-żwieġ tkisser meta l-attriċi qabdet lit-tifel minuri u telqet mid-dar "mingħajr ebda raġuni" bil-konsegwenza li firdet lit-tifel sew minn missieru kif ukoll minn oħtu. Isemmi kif l-omm stess ammettiet waqt ix-xhieda tagħha illi hi u ħierġa mid-dar matrimonjali bit-tifel qalet lil bintha li riedet tifridha minn ħuha. Isemmi kif l-omm kienet tinstiga lil binha jattakka fiżikament lil oħtu li dak iż-żmien ukoll kienet għadha minorenni. Jinsisti li dan ma kienx għaġir denju ta' omm u li kkaġuna ħsara psikoloġika lill-minuri anke għaliex l-attriċi adoperat *parental alienation* fuq it-tifel. Jinsisti għalhekk li l-attriċi kellha tinstab unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx każ li l-attriċi naqset milli ssib bilanċ bejn ix-xogħol tagħha u l-familja. Jissottometti li l-espressjoni "tkissir taż-żwieġ" għandha tiġi wkoll meqjusa

bħala tkissir tal-familja b'mod partikolari it-tkissir tar-relazzjoni bejn it-tifel u missieru u bejn l-aħwa. Jgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-attriċi unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ u li fin-nuqqas issib li l-ħtija kienet ugwali fuq iż-żewġ partijiet.

18. L-attriċi appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi fl-ewwel lok tagħmel referenza għall-ġurisprudenza li żżomm il-Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-Qorti tal-ewwel grad. Tissottometti illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament korrett tal-provi meta sabet terz tat-tort fuq l-attriċi u l-kumplament fuq il-konvenut.

19. Dwar ir-raġunijiet li l-appellant iressaq sabiex din il-Qorti issib li t-tort huwa kollu tal-attriċi, l-appellata tgħid illi fix-xahar ta' Marzu 2022 hi u l-minuri allontanaw ruħhom mid-dar matrimonjali mhux b'kapriċċ imma għaliex ma felħitx tibqa' tissaporti l-insulti kontinwi mhux biss tal-konvenut imma wkoll ta' bintha li, skont l-attriċi, kienet spiċċat maħkuma mill-konvenut. Tirreferi għall-provi li juru l-atteġġjament aggressiv ta' bintha lejha fil-ġimgħat ta' qabel ma telqet mid-dar. Dwar l-akkuża tal-appellant li hija ma għamlet xejn sabiex jiġi salvat iż-żwieġ, tgħid illi dan mhux minnu. Tirreferi għall-provi li resqet konsistenti fi *screenshots* biex tipprova t-tentattivi li kienet qed tagħmel mal-konvenut sabiex isibu soluzzjoni għall-problemi ta' bejniethom u semmiet kif il-konvenut kien

irrifjuta li jattendi sessjonijiet ta' terapija tal-familja jew konsulenza matrimonjali minnha proposti. Issemmi kif kienet tibgħat messaġġi lil bintha biex turiha li tħobbha u li xtaqet tqatta ftit ħin magħha, imma dawn il-messaġġi kienu jiġu mwieġba bi "kliem dispreġġattiv". L-appellata titfa t-tort ta' dan fuq l-aljenazzjoni li skontha kien qed jadopera l-konvenut fuq bint il-partijiet.

**Ikkunsidrat;**

20. Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li qorti ta' reviżjoni mhijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-Qorti tal-ewwel grad u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Ingħad ukoll illi *"[...] aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*" (ara **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Prim Ministru Dr. Joseph Muscat et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-14 ta' Diċembru, 2018).[1]

---

[1] Ara wkoll **T & L Holdings Limited v. Francis Busuttil & Sons Limited et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Novembru, 202 kif ukoll **Johanna Abela v. HSBC Bank Malta plc** deċiża minn din il-Qorti kif preseduta fit-12 ta' Marzu, 2024.

21. Dan l-ewwel aggravju tal-appellant huwa manifestament infondat. L-Ewwel Qorti addossat $^{1}/_{3}$ tat-tort fuq l-attriċi u $^{2}/_{3}$ fuq il-konvenut. L-appellant kien u għadu jippretendi li t-tort kien kollu ta' martu. Qari tal-appell tiegħu jagħti l-impressjoni li l-Ewwel Qorti addossat it-tort kollu fuq il-konvenut. Li mhux il-każ. Il-kritika tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-aġir tal-attriċi huwa mhux biss inġustifikat imma juri li l-appellant jew ma qarax sew is-sentenza appellata jew inkella qed jinjora dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata bħala motivazzjoni għaliex kienet qed issib lill-attriċi responsabbli *in parte* għat-tkissir taż-żwieġ.

22. L-Ewwel Qorti għamlet analiżi dettaljata tal-provi li tressqu quddiemha miż-żewġ partijiet. Ikkunsidrat li t-tnejn kellhom fuq spallejhom ħtija għat-tkissir taż-żwieġ u spjegat b'dettall liema kompartiment tal-attriċi kienet qed tikkunsidra bħala kontributur għat-tifrik taż-żwieġ u liema kompartiment tal-konvenut kienet qed tqis bħala li wkoll wassal għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet. L-Ewwel Qorti kellha l-vantaġġ li semgħat it-testimonjanzi tal-partijiet u li għalhekk dwar apprezzament ta' provi ċertament li kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex tevalwa mhux biss il-kliem ħiereġ minn fomm il-partijiet waqt li qed jixhdu imma wkoll il-kompartiment tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda.

23. Rilevanti f'dan is-sens dak li nżamm fis-sentenza **Victor Borg Barthet v. Carnik Construction Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru, 2008:

> " ....jirriżulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemgħu mill-ġudikant li eventwalment ippronunzja s-sentenza. Konsegwentement dak il-ġudikant kien f'pożizzjoni ferm aktar vantaġġuża minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliċement abbażi ta' traskrizzjoni xotta xotta tax-xhieda. Għandu jiġi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setgħet tosserva kontinwament matul il-ġbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qegħdin jiddeponu quddiemha. Huwa magħruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jagħti ħjiel tajjeb ħafna lill-ġudikant, attent u tal-esperjenza, dwar il-veraċità o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qiegħed jiddeponi. Dana l-aspett diffiċilment jista' jiġi rifless fit-traskrizzjoni tax-xhieda iżda ġudikant ta' esperjenza li jkun qiegħed jisma' xhud ġeneralment ikun għassa għall-'body language' tax-xhud, bħal eżitazzjonijiet fil-vuċi tiegħu, l-espressjoni ta' għajnejh, u movimenti li jkun qiegħed jagħmel waqt li jixhed u ċirkostanzi oħra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni taxxhieda, liema indikazzjonijiet jgħinu ħafna lill-ġudikant biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-veraċità o meno ta' dik ix-xhieda."[2]

24. L-appell imressaq mill-konvenut appellant jonqos milli jindirizza l-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha tikkonkludi li sew l-attriċi kif ukoll il-konvenut kienu responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom, terz u żewġ terzi rispettivament. Jinjora li martu nstabet ukoll responsabbli li kkommettiet eċċessi u nġurji gravi.

25. Kif rajna aktar qabel, l-appellant ikompli jinsisti li għat-tkissir taż-żwieġ taħti unikament l-attriċi meta telqet mid-dar matrimonjali u ħadet lit-tifel magħha kif ukoll minħabba *parental alientation*. Jakkuża lill-attriċi li

[2] Ara wkoll **Salv Bezzina & Sons Limited v. Paul Borg** - Appell Superjuri - 27 ta' Marzu, 2015; **Jonathan Portelli v. Diane Galea** - Appell Inferjuri - 29 ta' Novembru, 2023;

kisret ir-relazzjoni bejn l-aħwa u kienet l-appellata li kienet tinstiga lit-tifel biex jattakka lil oħtu.

26. B'dawn l-argumenti, l-appellant qed jirriċikla l-istess sottomissjonijiet li ressaq quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-prattika ta' ripetizzjoni quddiem din il-Qorti tas-sottomissjonijiet ġia magħmula quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza ġiet diversi drabi meqjusa bħala prattika ċensurabbli għaliex appell kellu jiġi nkwadrat bl-aggravji li jirrelataw mal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti u mhux ripetizzjoni ta' sottomissjonijiet magħmula lill-Qorti tal-ewwel grad. U lanqas ma l-aggravji għandhom jikkonsistu f'rielaborazzjoni tal-fatti. Dan għaliex kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Maryanne Scicluna v. Dr Daniela Chetcuti** mogħtija fl-14 ta' Marzu, 2007: "*mhux suffiċjenti s-sempliċi kritika tad-deċiżjoni sfavorevoli formulata bi prospettazzjoni ta' interpretazjoni diversa u aktar favorevoli minn dik adottata*" minn qorti jew tribunal tal-ewwel grad (ara wkoll **Ġuża Camilleri v. Raymond Chircop** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-16 ta' Diċembru, 2002; **Lennart Depasquale v. Saviour Zammit** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-22 ta' Mejju, 2009).

27. Tant dan huwa l-każ li fis-sentenza appellata wieħed jara li l-Ewwel Qorti kkunsidrat kull wieħed minn dawn l-ilmenti u għamlet il-

konsiderazzjonijiet tagħha fuq kull wieħed. L-appellant naqas juri fejn l-Ewwel Qorti kienet żbaljata f'dawk il-konsiderazzjonijiet.

28. Minn qari ta' dan l-aggravju, u anke mill-qari tal-eċċezzjonijiet, dak li l-konvenut jattakka lill-attriċi dwaru huwa li l-appellata qatt m'għarfet issib bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja. Din ukoll hija kwistjoni li ġiet mistħarrġa mill-Ewwel Qorti u kien wieħed mill-fatturi li wassal lill-Qorti issib lill-appellata ħatja ukoll għat-tifrik taż-żwieġ:

> "Il-Qorti hija skuntenta ghall-ahhar meta tara dan il-komportament u degenerazzjoni tar-relazzjonjiet bejn familja, partikolarment meta t-tilwim, il-piki, il-vendikazzjonijiet u t-tghawwir iwasslu ghal relazzjonijiet difficli bejn l-ahwa. Tikkundanna dan l-agir bl-ikbar mod, u minkejja li tapprezza li kull genitur jaghmel hiltu sabiex irabbi lil uliedu fl-ahjar mod, jibqa' l-fatt ukoll li anke jekk hija priorita' li genitur jahdem dejjem ghandu jsib bilanc bejn il-familja u x-xoghol.
>
> [...]
>
> L-atteggjament tal-konvenut zgur ma ghenx ghaliex minflok wera sapport lejn martu li minflok qaghdet id-dar, hadmet u stinkat biex tipprovdi ghall-familja, ghajjarha u irnexxielu jdawwar lit-tifla li l-attrici ma kinitx omm iddedikata u li tat priorita' ghax-xoghol. L-attrici da parti taghha, setghet forsi taghmel iktar l-almu taghha sabiex issib bilanc ahjar billi tiehu xi granet off u f'granet tahdem inqas, li sa certu punt kienet taghmel meta t-tfal kellhom xi attivitajiet u kienet tahdem sas-1pm.
>
> Huwa fl-ahhar li l-attrici sgarrat fir-relazzjoni taghha mat-tifla meta primarjament telqet mat-tifel biss u stqarret li hu biss kien jifforma parti mill-familja taghha u anke meta rrapportatha flimkien mal-konvenut mad-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika, izda sa certu punt dina l-Qorti, ghalkemm tikkundanna dan il-komportament, imma tifhem li bhala omm li tigi assoggettata ghal dan id-dizrispett minn bintha tirrapprezenta weggha kbira u dik l-istes weggha twassal ghall-komportament irragjonevoli tal-attrici fejn bhala omm imwegga' ma tibqax tirraguna izjed.
>
> Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti thoss li l-attrici ghandha terz mit-tort minhabba eccessi, [...]"

29. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tvarja il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar ir-responsabbiltà rispettiva tal-partijiet għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom.

30. Tiċħad għalhekk l-ewwel aggravju.

**It-tieni aggravju – applikazzjoni tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;**

31. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant qed jitlob illi f'każ li l-ewwel aggravju tiegħu jiġi milqugħ, din il-Qorti għandha tapplika kontra l-attriċi s-sanzjonijiet *ai termini* tal-artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

32. Ġaladarba l-ewwel aggravju ġie miċħud, dan it-tieni aggravju konsegwenzjali wkoll ser jiġi miċħud.

33. Iżda anke li kieku l-ewwel aggravju ġie milqugħ xorta waħda dan l-aggravju ma kienx jistħoqqlu akkoljiment.

34. **Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili** jistabbilixxi dawk il-konsegwenzi għal min jagħti lok għall-firda personali, fosthom it-telf tal-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra li tagħti l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ. Meta parti jew saħansitra ż-żewġ partijiet ikunu nstabu ħatja li kisru ż-żwieġ minħabba adulterju jew abbandun ta' aktar minn sentejn *ai*

*termini* tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili huma ċari, fis-sens illi l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet hemm kontemplat hija mandatorja fil-konfront ta' dik il-parti li tkun ħatja ta' adulterju jew abbandun (ara **Albert Sacco v. Evelyn Sacco** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2024). Dan b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, fit-termini tal-**Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi**, jekk tapplikax jew le dawn is-sanzjonijiet (ara **Antonia Micallef v. Mario Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023).

35. Skont l-**Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili** l-Qorti għandha diskrezzjoni li tiddeċiedi skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 għandhomx jgħoddu għar-raġel jew il-mara, jew it-tnejn li huma, "*jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda*".

36. L-appellant qed jippretendi illi l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-ħdax-il eċċezzjoni tiegħu u tapplika fil-konfront tal-attriċi s-sanzjonijiet kontemplati f'Artikoli 48 u 50. Qal hekk f'dik l-eċċezzjoni:

> "11. Illi l-esponenti joggezzjona b'mod assolut ghat-tieni talba attrici, u li se mai, din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-istess Artikoli fil-konfront tal-attrici biss u dan stante l-agir irresponsabbli tal-attrici fil-konfront tal-esponenti u dunque ghandha tkun l-attrici li titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-esponenti u dan mid-data illi tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-attrici tkun responsabbli ghas-separazzjoni."

37. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti njorat l-eċċezzjoni tiegħu u jippretendi li għalkemm ġiet miċħuda t-talba tal-attriċi sabiex jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut id-dekadenzi kontemplati f'Artikolu 48, xorta waħda kellha tikkommina kontra l-attriċi dawk id-dekadenzi. Kif rajna aktar qabel, ġaladarba l-attriċi la nstabet ħatja ta' adulterju u lanqas ta' abbandun, kien dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk tapplikax l-effett tal-artikolu 48 fil-konfront tagħha. Kif inżamm mill-Qorti tal-Appell presjeduta mill-Prim' Imħallef Sir Anthony Mamo fis-sentenza **Carmela Falzon v. Paolo Falzon** mogħtija lura fis-17 ta' April, 1959:

> "B'liġi, l-applikazzjoni tad-dekadenzi tal-konjuġi mid-drittijiet tagħhom kontra xulxin bħala effett tal-pronunzjament ta' separazzjoni personali bejniethom, "in toto" jew "in parti" hi fakoltativa għall-Qorti, jekk id-domanda għas-separazzjoni tkun radikata fuq il-motiv ta' eċċessi, sevizji, minaċċi u nġurji gravi. U allura jiddependi mid-diskrezzjoni tagħha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-każ partikolari."

38. L-Ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni lilha mogħtija bl-Artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili, waslet għall-konklużjoni li ma tikkundanna l-ebda parti għad-dekadenzi kontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-Qorti tal-Ewwel Gradi eżerċitat tajjeb id-diskrezzjoni tagħha.

39. Tiċħad għalhekk it-tieni aggravju.

**It-tielet aggravju – likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhux ċara;**

40. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jattakka s-sentenza appellata għaliex iqis li mhux ċar fis-sentenza x'għandu jseħħ mill-kontijiet bankarji li hemm f'isem l-appellant, f'isem l-appellata u f'isimhom it-tnejn flimkien. Jilmenta wkoll li għalkemm fil-korp tas-sentenza hemm imniżżel li d-dar matrimonjali għandha tinbiegħ bi prezz miftiehem, ma jissemma xejn dwar ix-xogħol li huwa għamel fiha sabiex inżammet fi stat tajjeb. Jilmenta wkoll li għalkemm jissemma fil-korp tas-sentenza li l-kont mal-HSBC Bank f'isem it-tifla jkun assenjat lilha; dan mhux rifless fid-*decide*. Jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma pprovditx dwar iż-żewġ vetturi liċenzjati waħda fuq l-attriċi u waħda fuq il-konvenut.

41. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li l-pretensjoni tal-appellant għal xogħlijiet li għamel fid-dar hija infondata peress li dawk ix-xogħlijiet saru matul il-konvivenza matrimonjali. Dwar il-kont li l-Ewwel Qorti assenjat lit-tifla, l-appellata toġġezzjona għaliex tgħid li dan il-kont jinsab f'isem l-attriċi.

42. Tirreferi għal dak li xehdu l-partijiet fis-sens li huma kienu diġà qasmu l-flejjes li kien hemm fil-kontijiet bankarji intestati f'isimhom individwalment. Ma għandha l-ebda oġġezzjoni li l-kontijiet bankarji f'isimhom it-tnejn flimkien jiġu maqsuma bejniethom. Dwar il-vetturi tgħid li l-appellant mhux korrett peress li dwarhom hemm provdut f'paġna 56 tas-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat;**

43. Rigwardanti l-pretensjoni tal-appellant għall-kumpens għal xogħol li jgħid li għamel fid-dar matrimonjali matul iż-żwieġ, din il-Qorti tgħid mill-ewwel li dan huwa aggravju frivolu għall-aħħar. Apparti li lanqas jirriżulta x'ammont ta' kumpens qed jippretendi l-appellant, kwalunkwe ħidma li għamel fid-dar matrimonjali matul iż-żwieġ kienet ħidma a benefiċċju sew tal-partijiet kif ukoll ta' wliedhom minuri u għalhekk l-ebda jedd m'għandu l-appellant għal xi kumpens marbut ma' xogħlijiet li għamel fid-dar matrimonjali. Kienet tkun sitwazzjoni diversa li kieku ġie ppruvat li l-appellant uża flejjes parafernali sabiex saru tali xogħlijiet. Imma ma lanqas pretensjoni f'din id-direzzjoni ma hemm.

44. Dwar il-kontijiet tal-bank ġie osservat fis-sentenza appellata li "*Gie stabbilit ukoll mill-partijiet li qabel ma bdew bil-proceduri ta' separazzjoni kienu qassmu l-flejjes li kien hemm fil-kontijiet bankarji li kellhom, ghajr ghal dawk fixed li ma setghux jaqsmuhom.*"

45. L-appellata tikkonferma li filwaqt li l-flejjes fil-kontijiet bankarji intestati f'isimhom ġew maqsuma diġà, kien fadal però sitt kontijiet bankarji li għadhom konġunti u li għandhom jinqasmu.

**Ikkunsidrat;**

46. Dwar il-kont bankarju -omissis- mal-HSBC Bank, kont f'isem l-attriċi imma għan-nom ta' bint il-partijiet, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li dan għandu jkun assenjat lil bint il-partijiet. L-ebda appell ma tressaq kontra tali deċiżjoni u għalhekk fir-rigward ta' dak il-kont bankarju hemm ġudikat.

47. Kif rajna qabel, fid-29 ta' Settembru, 2022, bi qbil bejn il-partijiet, l-Ewwel Qorti ppronunzjat sentenza li permezz tagħha ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Jista' jkun għalhekk li l-Ewwel Qorti kienet bl-impressjoni li l-partijiet kienu qasmu bejniethom il-kontijiet bankarji kollha. Jidher li dan mhux il-każ.

48. **Għaldaqstant filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-kont bankarju -omissis- li għandu jiġi assenjat lil bint il-partijiet, tvarja s-sentenza appellata billi tiddikjara illi l-bilanċi kollha fil-kontijiet bankarji sew intestati f'isem il-partijiet individwalment kif ukoll flimkien, kif eżistenti fid-29 ta' Settembru 2022, għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

49. Rigwardanti l-vetturi, il-parti diżpożżittiva tipprovdi li "*Kull parti ghandha zzomm il-vettura li presentement tinstab fil-pussess taghha, b'dana pero' li kull parti ghandha tkun responsabbli ghall-hlas ta'*

*kwalsiasi dejn, inkluz multi u kontravenzjonijiet u arretrati ta' licenzji u poloz ta' assikurazzjoni li talvolta jista' jkun hemm fir-rigward tal-vettura li se tigi assenjata lilha*." Id-*decide* ma ssemmi xejn dwar il-vetturi.

50. Għalhekk l-aggravju dwar il-vetturi huwa manifestament infondat.

**Ir-raba' aggravju – aċċess tal-minuri**

51. Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jitlob li l-aċċess favur ibnu minuri jkun aktar speċifikat minn dak li ordnat l-Ewwel Qorti. Jilmenta li l-ordni tal-Ewwel Qorti sabiex l-aċċess tal-missier favur ibnu minuri jsir "tal-anqas darba fil-ġimgħa għal sagħtejn u darba fil-weekend għal erba' siegħat bl-għażla li jkun hemm sleepover jew le...." ser iwassal sabiex ma jsirx aċċess. Jitlob li l-aċċess għal ibnu "għandu jkun ben stabbilit bi ġranet fissi inkluż *sleep over* u mhux bl-għażla jew fuq ix-xewqat tat-tifel". Jilmenta minn *parental alienation* da parti tal-omm tant li lanqas seta' jmur jara lil ibnu jilgħab partita futbol.

52. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi f'dawn l-aħħar ftit xhur il-minuri Z3 beda juri reżistenza qawwija li jmur għand missieru tant li kien jirritorna d-dar imbikkem u jesprimi b'mod ċar li ma jridx jibqa' jarah. L-appellata tallega li missieru kien qed jigdiblu, jgħajru bi kliem dispreġjattiv kif ukoll li jitkellem b'mod offensiv dwar ommu u nanntu materna.

**Ikkunsidrat;**

53. L-appellant f'dan l-aggravju jallega li hemm *parental alienation* da parti tal-appellata fil-konfront ta' binha lejn missieru l-appellant u li min hemm ġejja r-reżistenza ta' ibnu sabiex jara lil missieru.

54. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti verament stabbilit *parental alienation* da parti tal-omm fuq binha minuri. Huwa evidenti l-preokkupazzjoni tal-Ewwel Qorti għal dan l-istat li spiċċaw fih din il-familja b'tifla, issa maġġorenni, tgħix ma' missierha u ma tkellimx lil ommha u lil ħuha; filwaqt li t-tifel minuri jgħix ma' ommu u jirreżisti li jkollu aċċess ma' missieru. Il-ħsara li saret liż-żewġ ulied tal-partijiet b'riżultat tal-litiġji aspri bejn il-ġenituri hija evidenti għal din il-Qorti, kif kienet daqstant ieħor evidenti għall-Ewwel Qorti. Tant il-konflitt bejn il-ġenituri ġie trażmess <u>intenzjonalment</u> <u>miż-żewġ ġenituri</u> fuq uliedhom li addirittura ż-żewġ ulied, meta kienu għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf, kienu jiġġieldu bi kbir, anke fiżikament. Każ tipiku fejn filwaqt li l-Qorti tagħmel ħilitha tara x'inhu l-aħjar fl-interess tal-minuri, l-ġenituri tal-istess minuri aktar moħħhom min ser jieħu r-raġun milli f'dak li huwa ta' ġid għal uliedhom. Hija biss ħsara psikoloġika fuq l-ulied li tista' tirriżulta meta l-ġenituri jpoġġu taħt pressjoni psikoloġika lill-istess uliedhom li suppost qed jindukraw (ara **Maxeline Bellotti v. Clifton Cilia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024).

55. Mhu qatt biżżejjed jiġi enfasizzat li l-aċċess ta' wild versu l-ġenitur li ma jkunx qed jirrisjedi miegħu huwa dritt ta' l-istess wild li m'għandux jiġi mċaħħad minn tali jedd jekk mhux għal raġunijiet gravi. Meta jitqies il-modalità u l-frekwenza tal-aċċess tal-minuri versu l-ġenitur li mhux qed jirrisjedi miegħu, għandu jinstab bilanċ bejn id-dritt tal-ġenitur skont il-ħtiġijiet tal-minuri u dejjem fl-aħjar interess tal-minuri. (ara **Lara Cassar v. Oliver Bonanno** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2012 u **Joseph Micallef pro et noe v. Lesya Micallef nèe Grinishina** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).

56. Ingħad fis-sentenza **Miriam Cauchi pro et noe v. Francis Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2008 li:

> "Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli".[3]

57. F'dan ir-rigward il-prinċipju ġenerali li l-Qorti jeħtieġ li ssegwi huwa dak dettat mill-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili** li kull deċiżjoni għandha tkun fl-aħjar interess tal-minuri.

---

[3] Ara wkoll **Marlene Aquilina v. Luca Burroni** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2024 kif ukoll **Benjamin Lloyd Jordan v. Anabelle Jordan** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' April, 2025.

58. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis li ma hemmx raġunijiet għaliex il-missier m'għandux ikollu aċċess favur ibnu minuri. B'żieda ma' dak li pprovdiet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi preżenti li jinsabu fihom il-partijiet u wliedhom, huwa indikat, dejjem fl-aħjar interess ta' iben minuri tal-partijiet, li l-aċċess jibda għal żmien għalissa indeterminat, isir taħt superviżjoni u li jsir fi ġranet programmati minn qabel.

59. **Għalhekk tordna li l-aċċess tal-konvenut appellant versu ibnu minuri Z3 jibda b'effett immedjat isir taħt superviżjoni ta' ħaddiem soċjali mid-Dipartiment għall-Ħarsien tat-Tfal ġewwa d-dar tal-missier jew barra mid-dar u dan għall-perijodu ta' sitt xhur prorogabbli jekk skont id-Dipartiment għall-Ħarsien tat-Tfal jirriżulta hekk meħtieġ. Waqt l-aċċess m'għandux ikun hemm preżenti oħt il-minuri, li llum hija maġġorenni, sakemm ma tingħatax ordni mod ieħor wara li jsiru r-rapporti meħtieġa mill-ħaddiema soċjali li jkunu qed isegwu dan il-każ.**

60. **Il-ġranet tal-aċċess qed jiġu ffissati proviżorjament kif ġej: nhar ta' Ħamis bejn is-6:00pm u t-8:00pm u alternattivament darba s-Sibt u darba l-Ħadd bejn is-1:00pm u l-5:00pm. F'każ li tali ġranet u ħinijiet jeħtieġ li jiġu modifikati minħabba impenji tal-minuri, il-Qorti qed tordna lill-attriċi sabiex mhux aktar tard minn tlett ijiem**

**utili mid-data ta' din is-sentenza, tibgħat lid-Dipartiment għall-Ħarsien tat-Tfal bid-dettalji relativi inkluż id-dati u l-ħinijiet alternattivi li fihom il-minuri jista' jeżerċita l-aċċess favur missieru; kollox ikkupjat lill-konvenut u lill-avukat tiegħu.**

61. **Nuqqas ta' osservanza ta' din l-ordni ser tiġi kkunsidrata bħala disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti.**

**Il-ħames aggravju – spejjeż;**

62. Permezz tal-<u>ħames aggravju</u> l-appellant jgħid li l-ispejjeż għandhom jiġu maqsuma skont ma jiġi deċiż minn din il-Qorti dwar l-aggravji minnu mressqa.

63. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li l-ispejjeż tal-Ewwel Istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Deċiżjoni;**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tipprovdi kif ġej:

1. Tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravju.

2. Tilqa' parzjalment it-tielet aggravju. Tikkonferma s-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-kont bankarju -omissis- li għandu jiġi assenjat lil bint il-partijiet filwaqt li tvarjaha billi tordna li l-bilanċi kollha fil-kontijiet bankarji, li jirriżultaw fl-atti, sew intestati f'isem il-partijiet individwalment sew flimkien, kif eżistenti fid-29 ta' Settembru 2022, jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Mill-bqija tiċħad it-tielet aggravju;

3. Tilqa' r-raba' aggravju. Tvarja s-sentenza appellata f'dak li għandu x'jaqsam l-aċċess tal-missier versu ibnu minuri bil-mod kif ġej:

(i) Tordna li l-aċċess tal-konvenut appellant versu ibnu minuri Z3 jibda b'effett immedjat isir taħt superviżjoni ta' ħaddiem soċjali mid-Dipartiment għall-Ħarsien tat-Tfal, jew ġewwa d-dar tal-missier jew barra mid-dar, u dan għall-perijodu inizjali ta' sitt xhur prorogabbli jekk skont id-Dipartiment għall-Ħarsien tat-Tfal jirriżulta hekk meħtieġ. Waqt l-aċċess m'għandux għalissa tkun preżenti oħt il-minuri, li llum hija maġġorenni, sakemm ma tingħatax ordni mod ieħor wara li jsiru r-rapporti meħtieġa mill-ħaddiema soċjali li jkunu qed isegwu dan il-każ.

(ii) Il-ġranet tal-aċċess qed jiġu ffissati proviżorjament kif ġej: nhar ta' Ħamis bejn is-6;00pm u t-8:00pm u alternattivament darba s-Sibt u darba l-Ħadd bejn is-1:00pm u l-5:00pm. F'każ li tali ġranet u ħinijiet jeħtieġ li jiġu modifikati minħabba impenji tal-minuri, il-Qorti qed tordna lill-attriċi

sabiex mhux aktar tard minn tlett ijiem utili mid-data ta' din is-sentenza, tibgħat lid-Dipartiment għall-Ħarsien tat-Tfal bid-dettalji relattivi inkluż id-dati u l-ħinijiet alternattivi li fihom il-minuri jista' jeżerċita l-aċċess favur missieru; kollox ikkupjat lill-konvenut u lill-avukat tiegħu.

(iii) Nuqqas ta' osservanza ta' din l-ordni ser tiġi kkunsidrata bħala disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti.

4. Tiċħad il-ħames aggravju.

5. *In vista* ta' din is-sentenza, tqis eżawrit il-mertu tar-rikors tal-konvenut appellant tal-24 ta' Ġunju, 2025, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

6. L-ispejjeż tal-Prim' Istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti filwaqt li l-ispejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb